MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 641/1996/1

**Doris Caruana**

**Vs**

**Lina Pisani**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fis-27 ta' Frar 1996 li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-konvenuta bieghet lill-attrici oggett ta' ghamara li l-konvenuta assigurat li kien bureau genwin antik, bil-prezz ta' erbat elef lira, li thallas lill-konvenuta;

Premess illi l-oggett mibjugh ma hux bureau antik genwin u ma jiswiex bl-ebda mod il-prezz imhallas ghalih;

Premess illi l-attrici kienet imqarrqa mill-konvenuta u l-kunsens ta' l-attrici ghax-xiri ta' l-oggett *de quo* kien karpit b' ingann u b' hekk l-attrici giet iffrodata;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-oggett mibjugh mill-konvenuta lill-attrici ma huwiex bureau genwin antik kif miftiehem bejn l-attrici u l-konvenuta, u ma ghandux il-valur ta' erbat elef lira mhallsa ghalih mill-attrici, u tiddikjara li l-konvenuta kienet imqarrqa dwar in-natura u l-kwalita` ta' l-oggett lilha mibjugh, u tiddikjara li l-kunsens ta' l-attrici ghax-xiri ta' l-oggett imsemmi kien karpit b' qerq dwar in-natura u l-kwalita` reali ta' l-oggett imsemmi; u

2. Tiddikjara li x-xiri u l-bejgh ta' l-oggett imsemmi kien ghalhekk bla ebda effett; u

3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lura lill-attrici s-somma ta' erbat elef lira, u l-imghax legali sal-gurnata tal-pagament effettiv, u l-ispejjez, inkluzi d-danni gia sofferti mill-attrici biex taccerta ruhha dwar l-oggett *de quo*, u l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru u l-mandat ta' qbid mahruga kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta pprezentata fit-13 ta' Jannar 1997, li permezz taghha hija eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex, fl-ewwel lok, l-eccipjenti qatt u qatt ma kellha relazzjoni guridika ma' l-attrici, u l-bejgh sar kollu kemm hu lil certu Paul Borg, li kien hu li nsista fuq li nsista li jixtri l-bureau *de quo* u li nnegozja u attwalment hallas il-prezz tieghu. Qatt ma saru negozjati jew xi ftehim ma' l-attrici, u ghalhekk l-eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi subordinatament, il-bureau in kwestjoni kien wiehed antik u dan jikkonfermawh diversi nies li kienu rawh, inkluz l-istess Paul Borg li xtrah li hu espert in materja. Il-bureau hu tas-seklu dsatax u ilu ghand l-eccipjenti tnejn u hamsin sena;

3. F' kull kaz gjaladarba il-bureau ma giex minnufih depozitat il-Qorti, l-esponenti ma tirrispondix ghall-ebda sostituzzjoni tieghu jew deterjorament li seta' sofra fil-frattemp;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digriet tas-7 ta' April 1998 li permezz tieghu gew nominati Dr. Mark Chetcuti u Kenneth Vassallo bhala periti gudizzjarji biex ifittxu u jirrelataw dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehdu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati, u jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x' jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjonijiet ta' l-esperti nominati li jinsabu a fol. 74 *et sequitur* tal-process u li gew minnhom debitament konfermati fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2000;

Rat id-digriet moghti fil-5 ta' Ottubru 2001 li bih gew nominati bhala esperti addizzjonali Nicholas De Piro, Edward Degaetano u Dr. Joseph Micallef Stafrace; liema nomina saret wara li gietipprezentata nota fit-12 ta' Lulju 2000 mill-attrici ghal dan l-iskop;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmija esperti gudizzjarji addizzjonali li tinsab a fol. 115 *et sequitur* tal-process, minnhom debitament konfermata;

Rat l-Affidavitsipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Kemm l-ewwel periti gudizzjarji kemm dawk l-ohra addizzjonali, fuq ir-rizultanzi processwali ottenuti, waslu ghal konkluzjoni illi bejn il-kontendenti f' dan il-kaz ma kien hemm l-ebda relazzjoni guridika u li konsegwentement l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta kellha tircievi favur;

B' mod generali l-esperti gudizzjarji nominati jaskrivu din il-konkluzjoni taghhom ghall-fatt illi l-provi prodotti mill-attrici kellhom jitqiesu mprecizi, konfuzjonarji u kontradittorji;

B' mod specifiku, imbaghad, huma jisiltu mir-rizultanzi istruttorji dan il-kwadru:-

I. Paul Borg, *antiques dealer*, kien ilu ghal xi zmien fit-trattattivi mal-konvenuta biex jixtri bureau minghandha;

II. L-attrici dahlet in xena ghax kien hajjarha l-imsemmi Paul Borg biex takkwista dan il-bureau. Ftehmu bejniethom u weghditu s-senserija ta' hames mitt lira (Lm500) izda flok ma laqqaghha mal-konvenuta bhala xerrejja potenzjali pprezentaha bhala ohtu. Iddahhal fin-nofs ukoll certu Louis Portelli, li xoghlu hu dak ta' restawratur u lostratur, li gie introdott lill-konvenuta bhala zewg l-attrici;

III. L-attrici tghid li ghax-xiri tal-bureau harget il-flus hi, ghaddiethom lil Paul Borg u dan irrilaxxjahom lill-

konvenuta wara li ghaddhom ma' binha John Pisani. Fl-istess okkazjoni tal-hlas ittiehed il-bureau mill-pussess tal-konvenuta;

IV. L-imsemmi Paul Borg jaghti wiehed x' jifhem illi l-konvenuta kienet konsapevoli tal-fatt illi ma kienx hu li kien qed jixtri l-bureau. Huwa jispjega dan in bazi ghall-assunzjoni illi kien ha lill-attrici mieghu u din kienet prezenti meta ntlahaq l-akkordju, inghaddew u thallsu l-flus, u ngarr il-bureau;

V. Li hu cert hu li fl-ebda mument la Paul Borg u lanqas l-attrici qatt ma zvelaw lill-konvenuta li l-bureau kien effettivament qed jinxtara mill-attrici. F' dan il-versjoni taghhom issib riskontru f' dak affermat mill-konvenuta (fol. 27) u minn binha (fol. 29) illi fl-ebda hin ma nghataw indikazzjoni illi l-bureau kien qed jinxtara mill-attrici;

Dan premess, din il-Qorti hi konvinta wara ri-ezami tal-provi prodotti, ta' naha u ta' ohra, illi, kif sewwa rrileva l-ewwel perit legali "kien Paul Borg li nnegozja, kien Paul Borg li ftiehem fuq il-prezz wara li kien gja ftiehem ma' l-attrici; kien Paul Borg li quddiem il-konvenuta hareg il-flus (peress li l-attrici kienet gja tatu Lm4000 qabel ma dahlu ghand il-konvenuta) u kien l-istess Paul Borg li garr il-bureau". Certament hu difficli li tingibed konkluzjoni xort' ohra meta kollox juri mill-atti illi ma tistax serenament tigi rikostruwita tifsira differenti minn din l-istess konkluzjoni raggunta;

In tema legali hi presunzjoni stabbilita mill-Kodici Civili illi kulhadd jistipula jew jipprometti ghalih innifsu, ghall-werrieta tieghu u ghall-aventi kawza, meta l-kuntrarju ma jkunx stabbilit mil-ligi, jew mill-ftehim tal-partijiet, jew ma jkunx jidher min-natura ta' l-istipulazzjoni (Artikolu 998, Kodici Civili; ara wkoll **Kollez. Vol. XXXIII P I p 457);**

Jista' jinghad in subjecta materja illi hu konkordi l-principju illi meta wiehed jikkuntratta f' ismu personali ma jistax sussegwentement isostni li kien bhala fatt qed jikkuntratta f' isem haddiehor. Ara a propozitu sentenzi fl-ismijiet "**Joseph Chetcuti *nomine* -vs- Peter Paul Camilleri**", Appell, 4 ta' Dicembru 1988 u "**Frank Cilia *nomine* -vs- Charles Scicluna**", Qorti tal-Kummerc, 27 ta' April 12992;

Sewwa nghad ukoll illi biex tigi newtralizzata l-presunzjoni fuq imsemmija tal-ligi kellha tingieb prova li l-venditrici f' dan il-kaz kienet a konoxxenza tal-fatt li min ittratta maghha kien qed jinnegozja f' isem haddiehor u dana sal-mument meta l-ftehim ikun gie finalizzat. Certament ma kienx bizzejjed illi l-attrici jew Paul Borg jaffermaw dak li kien maghruf lilhom biss izda li ma kienx maghruf lill-konvenuta. Ara "**Joseph Grech -vs- Domenico Savio Spiteri**", Appell, 25 ta' Mejju 2001. "Fejn hemm dubbju pero` wiehed kellu jippresumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed taghmel f' isimha proprju" ("**Lawrence Formosa *et nomine* -vs- Silvio Felice**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999);

Minn dan kollu jitnissel illi l-obbligi u d-drittijiet naxxenti minn kuntratt, bhal ma hu dak tal-vendita` in diskussjoni, jintercedu bejn il-kontraenti biss. Dan hu logikament argomentat mill-kontenut ta' l-Artikolu 992, li jipprovdi li l-kuntratt hu ligi ghal dawk li jaghmluh, u l-Artikolu 1001 tal-Kodici Civili, li jsostni li l-kuntratt ghandu effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss. Ghalhekk l-effetti li jsemmi l-Artikolu 1001 huma l-konsegwenzi guridici li jikkostitwixxu l-kontenut ta' l-att negozjali (**Kollez. Vol. XLI P II p 1192**);

In parentesi jrid jinghad li l-Artikolu 999 invokat mill-ewwel perit legali ma jiccentra xejn u ma jservix ta' ghajnuna ghas-soluzzjoni tal-kaz. Dan l-Artikolu sempliciment jipprovdi li min jikkontratta f' ismu jidhol hu mbaghad fl-obbligazzjoni u din, di regola, trid tigi ezegwita minnu. Tali obbligazzjoni hi vinkolanti "*inter contrahentes*", anke jekk wiehed jobbliga ruhu ghal haga li ghandha tigi ezegwita minn haddiehor purche dan il-haddiehor jirratifika l-istess

obbligazzjoni (subinciz 2 ta’ l-Artikolu 999, Kodici Civili; **Kollez. Vol. XXXIII P I p 90**);

Precizat il-premess, ghandu jigi rilevat illi f’ relazzjoni guridika n-negozju intervenut jikkonsisti minn att jew pluralita` ta’ atti konnessi bejniethom li jimmiraw biex jipproducu effett guridiku fl-ambitu tad-drittijiet bejn il-privati. L-att allura hu l-manifestazzjoni tal-volonta` konsistenti f’ dik il-kondotta li, skond is-sinifikat tipiku taghha, jew tac-cirkostanzi li fih l-att isehh, ghandu ghad-destinatarju t-tifsira tal-volonta` lilu komunikata. Dik, cjoe, li tipproduci l-konsegwenzi guridici specifikament intenzjonati. Hi allura l-intenzjoni persegwita tal-parti li taghti rapprezentazzjoni prattika u adegwata ta’ din l-istess volonta`;

F’ dan il-kaz, kif fuq rivelat, l-intenzjoni manifesta ta’ Paul Borg, komunikata lill-konvenuta, kienet dik insospettata illi hu kien qed jidhol f’ kontrattazzjoni diretta mal-konvenuta f’ ismu personali. Il-ftehim kien wiehed bilaterali bejniethom biss. Kollox jindika li l-attrici ma ghenetx bix-xhieda taghha jew permezz ta’ xi dikjarazzjoni inekwivoka, fil-mument opportun, biex taghti lil wiehed x’ jifhem (partikolarment, lill-konvenuta) illi n-negozju kien qed jigi kondott fl-interess esklusiv taghha. Verament, mill-atti ma jista’ jigi sottratt xejn li jista’ jitqies kompatibbli ma’ xi manifestazzjoni cara u univoka ta’ xi volonta` f’ dan is-sens;

Una volta din il-Qorti qed tabbraccja l-konkluzjonijiet peritali, il-leggittimita` ta’ l-azzjoni attrici, hekk koncepita fuq il-bazi tal-premessa li l-kunsens taghha fl-okkazjoni tal-vendita kien karpit b’ qerq, jisfuma fix-xejn. Dan anke ghaliex, jekk hemm bzonn jigi ripetut, l-attrici ma rnexxielhix tissodisfa l-principju bazilari illi l-oneru tal-prova jispetta lil min jallega u hi ma rnexxielhix tipprova illi bejnha u l-konvenuta kienet tezisti relazzjoni guridika hekk minnha posta bhala fondament ta’ l-azzjoni taghha.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja l-akkoljiment ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, tichad it-talbiet ta' l-attrici;

L-ispejjez gudizzarji kollha jibqghu sopportati mill-istess attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------